



2024/769

27.2.2024

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/769

tas-26 ta' Frar 2024

**li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK (¹).
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK, u meta titqies il-gravità persistenti tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni illegali tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, huwa xieraq li jinżammu fis-seħħ il-miżuri kollha adottati mill-Unjoni. Konsegwentement, id-Deċiżjoni 2012/642/PESK jenħtieġ li tiġġedded sat-28 ta' Frar 2025.
- (3) L-entrati għal 21 persuna fízika u żewġ persuni ġuridiċi inklużi fil-lista ta' persuni fízici u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK jenħtieġ li jiġu emendati.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2012/642/PESK tiġi emadata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2012/642/PESK hija emadata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:  
"1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-28 ta' Frar 2025.";
- (2) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-publikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2024.

Għall-Kunsill  
Il-President  
D. CLARINVAL

---

(¹) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1).

## ANNESS

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella "A. Persuni fiziċċi msemmija fl-Artikolu 3(1) u 4(1)", l-entrati 11, 39, 41, 43, 44, 67, 68, 69, 75, 87, 117, 147, 161, 163, 165, 168, 169, 171, 173, 195 u 205 huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"11.	Aliaksandr Valerievich BYKAU  Alexander (Alexandr) Valerievich BYKOV	Аляксандр Валер'евич БЫКАЎ  Александр Валерьевич БЫКОВ	Pożizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi Kmandant tat-Truppi Interni, eks Kmandant tal-Unità Specjalni ta' Reazzjoni Rapida (SOBR), Logutent Kurunell  Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kmandant tal-Unità Specjalni ta' Reazzjoni Rapida (SOBR) tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa kien responsabbi għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni immexxija mill-forzi tal-SOBR wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċċifiċi.  Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Ewwel Viċi Kmandant tat-Truppi Interni.	2.10.2020
39.	Sviatlana Piatrouna KATSUBA  Svetlana Petrovna KATSUBO	Святлана Пятроўна КАЦУБА  Светлана Петровна КАЦУБО	Pożizzjoni(jiet): President tal-Istudji Umanistiċi Soċjali u d-Dixxiplini Legali fl-Università Teknika Statali ta' Gomel/Homyel, eks Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC)  Data tat-twelid: 6.8.1959  Post tat-twelid: Podilsk, Odessa Region/Oblast, eks USSR (issa Ukraine)  Sess: mara	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, hija kienet responsabbi għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, fil-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandardi internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni.  B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjoni sproporzjonati fuq l-observaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjoni elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.  Hija għadha attiva fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-President tal-Istudji Umanistiċi Soċjali u d-Dixxiplini Legali fl-Università Teknika Statali ta' Gomel/Homyel.	2.10.2020

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
41.	Igor Anatolievich PLYSHEUSKI Ihor Anatolievich PLYSHEVSKIY	Irap Анатольевич ПЛЫШЭУСКИ Игорь Анатольевич ПЛЫШЕВСКИЙ	Pożizzjoni(jiet): Direttur Maniġerjali ta' OOO Bergia Group, eks Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC)  Data tat-twelid: 19.2.1979  Post tat-twelid: Lyuban, eks USSR (issa Belarus)  Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, huwa kien responsabbi għall-irregolarità, min-naħħa tas-CEC, fil-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandard internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni.  B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjoni jiet sproporzjonati fuq l-observaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjoni elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.  Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala d-Direttur Maniġerjali ta' OOO Bergia Group.	2.10.2020
43.	Aleh Leanidavich SLIZHEUSKI Oleg Leonidovich SLIZHEVSKI	Алег Леанідавіч СЛІЖЭУСКІ Олег Леонідович СЛІЖЕВСКИЙ	Pożizzjoni(jiet): Kap tad-Dipartiment tal-Appoġġ Legali tal-Kumitat Permanenti tal-Istat tal-Unjoni tal-Belarussja u r-Russia, eks Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC)  Data tat-twelid: 16.8.1972  Post tat-twelid: Grodno/Hrodna, eks USSR (issa Belarus)  Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, huwa kien responsabbi għall-irregolarità, min-naħħa tas-CEC, fil-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandard internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni.  B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjoni jiet sproporzjonati fuq l-observaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjoni elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.  Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tad-Dipartiment tal-Appoġġ Legali tal-Kumitat Permanenti tal-Istat tal-Unjoni tal-Belarussja u r-Russia.	2.10.2020

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
44.	Irina Aliaksandrauna TSELIKAVETS  Irina Alexandrovna TSELIKOVEC	Ірина Аляксандраўна ЦЭЛІКАВЕЦ  Ирина Александровна ЦЕЛИКОВЕЦ	Pożizzjoni(jiet): Eks Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC)  Data tat-tweliż: 2.11.1976  Post tat-tweliż: Zhlobin, eks USSR (issa Belarus)  Sess: mara	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, hija kienet responsabbi għall-irregularità, min-naħa tas-CEC, fil-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandardi internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni.  B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjoni sproporzjonati fuq l-observaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjoni elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020
67.	Genadz Andreevich BOGDAN  Gennady Andreievich BOGDAN	Генадъ Андреевич БОГДАН  Геннадий Андреевич БОГДАН	Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi Kap tad-Direttorat tal-Ġestjoni tal-Proprietà tal-President tal-Belarussja  Data tat-tweliż: 8.1.1977  Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' Viċi Kap tad-Direttorat tal-Ġestjoni tal-Proprietà tal-President tal-Belarussja, huwa jissorvelja l-funzjonament ta' bosta intrapriżi. Il-korp taħt it-tmexxija tiegħu jipprovdji appoġġ finanzjarju, materjali u tekniku, soċjali, domestiku u mediku lill-apparat tal-istat u l-awtoritajiet repubblikani. Huwa assoċjat mill-qrib mal-President u għadu jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	17.12.2020
68.	Ihar Paulavich BURMISTRAU  Igor Pavlovich BURMISTROV	Ігар Паўлавіч БУРМІСТРАЎ  Игорь Павлович БУРМИСТРОВ	Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tal-Persunal u l-Ewwel Viċi Kmandant tat-Truppi Interni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni  Data tat-tweliż: 30.9.1968  Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija preċedenti tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Kmandant tat-Truppi Interni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa kien responsabbi għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mit-Truppi Interni taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattamenti ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċċiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.  Huwa għaddha għar-riżerva militari. Huwa għandu d-dritt jilbes uniformi u insinjal militari.	17.12.2020

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
69.	Arciom Kanstantinovich DUNKA  Artem Konstantinovich DUNKO	Арцём Константинаович ДУНЬКА  Артем Константинович ДУНЬКО	Pożizzjoni(jiet): Viċi Kap tal-Uffiċċju tar-Reġjun/Oblast ta' Vitebsk/Viciebsk tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat, eks Spettur Għoli ġhal Kwistjonijiet Speċjali tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat  Data tat-twelid: 8.6.1990  Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxja preċedenti tiegħu bħala Spettur Għoli għal Kwistjonijiet Speċjali tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat, huwa kien responsabbi għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat tal-Istat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari investigazzjonijiet immedja dwar il-mexxejja u l-attivisti tal-oppożizzjoni.  Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Viċi Kap tal-Uffiċċju tar-Reġjun/Oblast ta' Vitebsk/Viciebsk tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat.	17.12.2020
75.	Siarhei Leanidavich KALINNIK  Sergei Leonidovich KALINNIK	Сяргей Леанідавіч КАЛІННИК  Сергей Леонидович КАЛІННИК	Pożizzjoni(jiet): Viċi Kap tal-Pulizija Kriminali fid-Direttorat Ewljeni għall-Affarrijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk, eks Kurunell tal-Pulizija, Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Sovetsky ta' Minsk  Data tat-twelid: 23.7.1979  Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Sovetsky ta' Minsk, huwa kien responsabbi għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija lokali taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.  Skont ix-xhieda huwa ssorvelja personalment u ħa sehem fit-tortura ta' dimostranti detenuti illegalment.  Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Viċi Kap tal-Pulizija Kriminali fid-Direttorat Ewljeni għall-Affarrijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk.	17.12.2020

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
87.	Aliaksandr Vasilevich SHAKUTSIN  Aleksandr Vasilevich SHAKUTIN	Аляксандр Васільевіч ШАКУЦІН  Александр Васильевич ШАКУТИН	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, president tal-bord tad-diretturi ta' Amkodor holding, azzjonist ta' SV Maschinen GmbH, UAB EM System, Anulatrans SIA, Amkodor-Tsentr, OOO Iskamed, OOO PMI Inzhiniring  Data tat-twelid: 12.1.1959  Post tat-twelid: Bolshoe Babino, Orsha Rayon, Vitebsk/Viciebsk Region/Oblast, qabel il-USSR (illum Belarus)  Sess: raġel	Huwa wieħed min-negozjanti ewlenin li joperaw fil-Belorussja, b'interassi kummerċjali fis-setturi tal-kostruzzjoni, tal-bini tal-magni, tal-agrikoltura u oħrajn.  Huwa rrappurtat li huwa wieħed mill-persuni li bbenefikaw l-aktar mill-privatizzazzjoni matul il-mandat ta' Lukashenka bħala President. Huwa wkoll eks membru tal-presidju tal-assoċjazzjoni pubblika favur Lukashenka "Belya Rus" u eks membru tal-Kunsill għall-Iżvilupp tal-Intraprenditorja fir-Repubblika tal-Belorussja.  FLulju 2020 għamel kummenti pubbliċi li kkundannaw il-protesti tal-oppożizzjoni fil-Belorussja, u b'hekk appoġġa l-politika ta' repressjoni tar-reġim ta' Lukashenka lejn dimostranti paċċiċi, l-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili.  Għaldaqstant huwa qed jibbenfika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jaappoġġah.  Huwa għad għandu interassi kummerċjali fil-Belorussja.	17.12.2020

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
117.	Aliaksandr Henadzevich BAKHANOVICH  Aleksandr Gennadevich BAKHANOVICH	Аляксандр Генадзевіч БАХАНОВІЧ  Александр Геннадьевич БАХАНОВИЧ	Pożizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi Ministru għall-Edukazzjoni, eks Rettur tal-Universitā Teknika Statali ta' Brest  Data tat-tweliż: 1972  Sess: raġel  Nazzjonaliità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala r-Rettur tal-Universitā Teknika Statali ta' Brest, li l-ħatra tiegħu ġiet approvata minn Alexander Lukashenka, Aliaksandr Bakhanovich kien responsabbi għad-deċiżjoni tal-amministrazzjoni tal-universitā li tkeċċi lil studenti talli ħadu sehem fi protesti paċifiċi. L-ordnijiet ta' tkeċċija saru wara s-sejħa ta' Lukashenka fis-27 ta' Ottubru 2020 biex jitkeċċew mill-universitajiet l-istudenti li kienu qed jieħdu sehem fi protesti u strajks. F-Jannar 2023, Aliaksandr Bakhanovich inħatar l-Ewwel Viċi Ministru għall-Edukazzjoni tar-Repubblika tal-Belarussja.  Hu għaldaqstant responsabbi għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
147.	Siarhei Uladzimiravich USHAKOU  Sergei Vladimiroyich USHAKOV	Сяргей Уладзіміравіч УШАКОЎ  Сергей Владимирович УШАКОВ	Pożizzjoni(jiet): Kap, eks Deputat Kap, tad-Dipartiment tal-Pulizija tal-Distrett ta' Frunzensky ta' Minsk  Data tat-tweliż: 22.8.1980  Post tat-tweliż: Minsk, eks USSR (issa Belarus)  Sess: raġel  Nazzjonaliità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' Viċi Kap tad-Dipartiment tal- Pulizija tad-Distrett ta' Frunzensky ta' Minsk, li jiġi orvelja l-pulizija kriminali, Siarhei Ushakou kien responsabbi mill- azzjonijiet tas-subordinati tiegħu, speċjalment it-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini detenuti fid-Distrett ta' Frunzensky wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u għar-repressjoni brutali ġenerali fil-konfront tad- dimostranti paċifiċi. L-uffiċċiali taħt is-superviżjoni diretta ta' Ushakou użaw it-tortura fil-konfront tad-detenu.  Għalhekk huwa responsabbi għal-ksur serju tad-drittijiet tal- bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.  Attwalment, huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Frunzensky ta' Minsk.	

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
161.	Ihar Uladzimiravich HOLUB Igor Vladimirovich GOLUB	Irap Уладзіміравіч ГОЛУБ Ігорь Владимирович ГОЛУБ	<p>Pożizzjoni(jiet): Direttur tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni tal-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni, eks Kmandant tal-Forza tal-Ajru u d-Difiża tal-Ajru tal-Forzi Armati</p> <p>Data tat-twelid: 19.11.1967</p> <p>Post tat-twelid: Chernigov, Chernigovskaya oblast, eks USSR (issa Ukraine)</p> <p>Sess: Raġel</p> <p>Nazzjonaliità: Belarussa</p> <p>Grad: Maġġur General</p> <p>Numru tal-passaport tal-BY: KH2187962</p> <p>Identifikazzjoni personali: 3191167E003PB1</p>	<p>Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kmandant tal-Forza tal-Ajru u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru tal-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Belarussja, Ihar Holub kien responsabbli għad-deċiżjoni meħuda mill-Kmand tal-Forzi tal-Ajru u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru, fuq struzzjonijiet ta' Lukashenka, li jibgħat inġenji tal-ajru militari biex jeskorta l-inżul furzat tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 fl-ajrūport ta' Minsk mingħajr ġustifikazzjoni xierqa fit-23 ta' Mejju 2021.</p> <p>Din id-deċiżjoni politikament motivata kellha l-għan li twassal għall-arrest u d-detenzjoni tal-ġurnalista tal-oppożizzjoni Raman Pratasevich u Sofia Sapega u hija forma ta' repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.</p> <p>Wara l-inċident, Ihar Holub għamel dikjarazzjonijiet għall-istampa flimkien mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni tal-Ministeru għat-Trasport tal-Belarussja Artem Sikorsky li jiġiustifikaw l-azzjonijiet tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni Belarussi.</p> <p>Għaldaqstant hu responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja, u qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.</p> <p>Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala d-Direttur tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni tal-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni tal-Belarussja.</p>	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
163.	Leanid Mikalaevich CHURO Leonid Nikolaevich CHURO	Леанід Мікалаевіч ЧУРО Леонід Николаевич ЧУРО	Pożizzjoni(jiet): President tal-Federazzjoni Repubblikana taċ-Ċess – Assoċjazzjoni Pubblika "Belarusian Chess Federation", eks Direttur Ĝeneralis tal-Intrapriża tal-Istat BELAERONAVIGATSIA  Data tat-twelid: 08.7.1956  Sess: Raġel  Nazzjonaliità: Belarussa  Numru tal-passaport tal-BY: P4289481  Identifikazzjoni personali: 3080756A068PB5	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Direttur Ĝeneralis tal-Intrapriża tal-Istat BELAERONAVIGATSIA, Leanid Churo huwa responsabbi għall-kontroll tat-traffiku tal-ajru tal-Belorussja. Għalhekk huwa responsabbi għad-devjazzjoni tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 lejn l-ajrūport ta' Minsk mingħajr ġustifikazzjoni xierqa fit-23 ta' Mejju 2021. Din id-deċiżjoni politikament motivata kellha l-għan li twassal għall-arrest u d-detenzjoni tal-ġurnalista tal-oppożizzjoni Raman Pratasevich u Sofia Sapega u hija forma ta' repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belorussja.  Għaldaqstant huwa responsabbi għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.  Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-president tal-Federazzjoni Repubblikana taċ-Ċess - Assoċjazzjoni Pubblika "Belarusian Chess Federation".	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
165.	Artsiom Igaravich SIKORSKI  Artem Igorevich SIKORSKIY	Артём Игоревич СИКОРСКИ  Артем Игоревич СИКОРСКИЙ	Pożizzjoni(jiet): Direttur Ġenerali tal-Intrapriża tal-Istat BELAERONAVIGATSIA, eks Direttur tad-Dipartiment tal-Avjażżjoni tal-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni  Data tat-twelid: 1983  Post tat-twelid: Soligorsk, Reġjun/Oblast ta' Minsk, eks USSR (issa Belarussja)  Sess: Raġel  Nazzjonaliità: Belarussa  Numru tal-passaport tal-BY: MP3785448  Identifikazzjoni personali: 3240483A023PB7	Fil-kapaċità preċedenti tiegħu bħala Direttur tad-Dipartiment tal-Avjażżjoni tal-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni tal-Belarussja, Artsiom Sikorski kien responsabbi għall-ġestjoni tal-istat fil-qasam tal-avjażżjoni ċivili u s-superviżjoni tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru. Għalhekk huwa responsabbi għad-devjazzjoni tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 lejn Minsk fit-23 ta' Mejju 2021 mingħajr ġustifikazzjoni xierqa. Din id-deċiżjoni politikament motivata kellha l-għan li twassal għall-arrest u d-detenzjoni tal-ġurnalista Raman Pratasevich u Sofia Sapega u hija forma ta' repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika tal-Belarussja.  Wara l-inċident, huwa għamel dikjarazzjonijiet għall-istampa flimkien mal-Kmandant tal-Forza tal-Ajru u l-Forzi tad-Difiża tal-Ajru tal-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Belarussja, Ihar Holub, li jiġiġustifikaw l-azzjonijiet tal-awtoritatjiet tal-avjażżjoni Belarussi.  Għaldaqstant hu responsabbi għal repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika u qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.  Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala d-Direttur Ġenerali tal-Intrapriża tal-Istat BELAERONAVIGATSIA.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografiya Belarussa) (ortografiya Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
168.	Anatol Piatrovich LAPO Anatoliy Petrovich LAPPO	Анатоль Пятрович ЛАПО/ЛАППО Анатолий Петрович ЛАППО	Pożizzjoni(jiet): eks Logutenten General u President tal-Kumitat tal-Istat għall-Frontieri, Anatol Lapo kien responsabbi għall-azzjonijiet tal-korpi ta' kontroll fuq il-frontiera taħt il-kmand tiegħu, fliema korpi l-gwardjani tal-frontiera ġew dokumentati li qed jidderieġu, jiggwidaw jew jisfurzaw lill-migranti jaqsmu illegalment il-frontiera bejn il-Belarussja u l-Istati Membri tal-Unjoni, u li n-nuqqas intenzjonat tagħhom li jwettqu dmirijethom sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu dik il-frontiera.  Data tat-tweliż: 24.5.1963  Post tat-tweliż: Kulakovka, Mogilev Region/Oblast, eks USSR (issa Belarus)  Sess: raġel  Nazzjonaliità: Belarussa  Numru tal-passaport: MP4098888  Identifikazzjoni personali: 3240563K033PB5	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala President tal-Kumitat tal-Istat għall-Frontieri, Anatol Lapo kien responsabbi għall-azzjonijiet tal-korpi ta' kontroll fuq il-frontiera taħt il-kmand tiegħu, fliema korpi l-gwardjani tal-frontiera ġew dokumentati li qed jidderieġu, jiggwidaw jew jisfurzaw lill-migranti jaqsmu illegalment il-frontiera bejn il-Belarussja u l-Istati Membri tal-Unjoni, u li n-nuqqas intenzjonat tagħhom li jwettqu dmirijethom sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu dik il-frontiera.  Huwa għaldaqstant responsabbi għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet mir-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-frontieri esterni tal-Unjoni.  Huwa għaddha fir-riżerva militari f'Mejju 2023.	2.12.2021
169.	Kanstantsin Henadzevich MOLASTAU  Konstantin Gennadevich MOLOSTOV	Канстанцін Генадзьевіч МОЛАСТАУ  Константин Геннадьевич МОЛОСТОВ	Pożizzjoni(jiet): Kurunell, President tal-Kumitat tal-Istat għall-Frontieri, eks Kap tal-Grupp tal-Frontiera ta' Grodno (maħtur fl-1 ta' Ottubru 2014), Unità Militari 2141, Delegat fil-Frontieri tal-Istat  Data tat-tweliż: 30.5.1970  Post tat-tweliż: Krasnoarmeysk, Saratov Region, Russian Federation  Sess: raġel  Nazzjonaliità: Belarussa  Numru tal-passaport: KH2479999  Identifikazzjoni personali: 3300570K025PB3	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kap tal-Grupp tal-Frontiera ta' Grodno, Kanstantsin Molastau kien responsabbi għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-frontiera taħt il-kmand tiegħu. In-nuqqas intenzjonat tal-Grupp tal-Frontiera ta' Grodno li jwettaq dmirijietu sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-frontiera mal-Istati Membri tal-Unjoni.  Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-frontieri esterni tal-Unjoni.  Huwa nħatar minn Lukashenka bħala l-President tal-Kumitat tal-Istat għall-Frontieri.	2.12.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
171.	Ihar Mikalaevich GUTNIK Igor Nikolaevich GUTNIK	Irap Мікалаевіч ГУТНІК Ігорь Нікolaevіч ГУТНІК	Pożizzjoni(jiet): Kurunell, Viċi President tal-Kumitat tal-Istat għall-Frontieri, eks Kap tal-Grupp tal-Frontiera ta' Brest  Data tat-tweliż: 17.12.1974  Post tat-tweliż: Village of Zabolotye, Smolevichi District, Minsk Region/Oblast, eks USSR (issa Belarus)  Indirizz: 90 Heroes of Defense of the Brest Fortress St., 224018, Brest, Belarus  Sess: raġel  Nazzjonaliità: Belarussa  Numru tal-passaport: BM1962867	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kap tal-Grupp tal-Frontiera ta' Brest, Ihar Gutnik, li fl-2018 sar deputat fil-Kunsill Regionali ta' Brest bħala wieħed mill-kandidati leali ġħal Lukashenka, kien responsabli għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-fruntiera taħt il-kmand tiegħu. In-nuqqas intenzjonat tal-Grupp tal-Frontiera ta' Brest li jwettaq dmirijietu sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-fruntiera mal-Istati Membri tal-Unjoni.  Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni.  Huwa nħatar minn Lukashenka bħala l-Viċi President tal-Kumitat tal-Istat għall-Frontieri.	2.12.2021
173.	Maksim Viktorovich BUTRANETS  Maxim Viktorovich BUTRANETS	Максим Вікторович БУТРАНЕЦ  Максим Викторович БУТРАНЕЦ	Pożizzjoni(jiet): Kap tal-Grupp tal-Frontiera ta' Brest, eks Kap tal-Grupp tal-Frontiera ta' Smargon, Unità Militari 2044 (maħtur f'Marzu 2018), Delegat fil-Frontieri tal-Istat  Data tat-tweliż: 12.12.1978  Post tat-tweliż: Sverdlovsk, eks USSR (issa Russian Federation)  Sess: raġel  Nazzjonaliità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kap tal-Grupp tal-Frontiera ta' Smargon, Maksim Butranets kien responsabli għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-fruntiera taħt il-kmand tiegħu. In-nuqqas intenzjonat tal-Grupp tal-Frontiera ta' Smargon li jwettaq dmirijietu sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-fruntiera mal-Istati Membri tal-Unjoni. Maksim Butranets iddikjara wkoll li l-għadd ta' migranti fil-fruntiera bejn il-Belorussia u l-Litwanja baqa' fil-livell tas-soltu, minkejja ż-żieda sostanzjali osservata min-naħa tal-Litwanja. Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni.  Huwa nħatar bħala l-Kap tal-Grupp tal-Frontiera ta' Brest.	2.12.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
195.	Ivan Ivanovich GALAVATYI Ivan Ivanovich GOLOVATY	Іван Іванавіч ГАЛАВАТЫ Іван Івановіч ГОЛОВАТЫЙ	<p>Pożizzjoni(jiet): Direttur Ġenerali tal-Open Joint Stock Company "Belaruskali", President tal-bord superviżorju ta' JSC Belarussian Potash Company.</p> <p>Membru tal-Kumitat Permanenti tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà Nazzjonali</p> <p>Data tat-twelid: 15.6.1976</p> <p>Post tat-twelid: Pogost Settlement, Soligorsk District, Minsk Province, Belarus</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Nazzjonalitā: Belarussa</p>	<p>Ivan Galavatyi huwa d-direttur ġenerali tal-intrapriża tal-istat Belaruskali, li hija sors ewleni ta' dħul u munita barranija għar-reġim ta' Lukashenka. Huwa membru tal-Kunsill tar-Repubblika u tal-Assemblea Nazzjonali. Huwa għandu wkoll diversi pożizzjonijiet għolja oħra fil-Belarussja u rċieva diversi premijiet statali, inkluż mingħand Lukashenka nnifsu, tul il-karriera tiegħu. Huwa kien assoċjat mill-qrib ma' Lukashenka u membri tal-familja tiegħu. Għaldaqstant huwa qed jibbenfika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.</p> <p>Bħala direttur ġenerali ta' Belaruskali, Ivan Galavatyi huwa involut direktament fir-rilokazzjoni min-naħħa tar-reġim ta' Lukashenka ta' tħalli ukreni minn territorji okkupati fkollaborazzjoni mar-Russia. Għaldaqstant, Ivan Galavatyi jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.</p> <p>L-impiegati ta' OJSC "Belaruskali" li ħadu sehem fi strajks u protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet presidenzjali froudenti ta' Awwissu 2020 fil-Belarussja, ġew imċahha minn primjums u mkeċċija. Alexander Lukashenka nnifsu hedded personalment li jissostitwixxi lil dawk li strajkjaw b'minaturi mill-Ukrajna. Għaldaqstant, bħala l-kap ta' Belaruskali, Ivan Galavatyi huwa responsabbi għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.</p>	3.6.2022

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
205.	Sviatlana Aliaksandrauna <b>BANDARENKA</b>  Svetlana Aleksandrovna <b>BONDARENKO</b>	Святлана Аляксандраўна <b>БАНДАРЕНКА</b>  Светлана Александровна <b>БОНДАРЕНКО</b>	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti Suprema tal-Belarussja, eks imħallef fil-qorti tad-Distrett ta' Moskovsky ta' Minsk  Sess: mara  Nazzjonaliità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala mħallef tad-Distrett ta' Moskovsky ta' Minsk, Sviatlana Bandarenka kienet responsabbi għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament. Hija kkundannat diversi ċittadini Belarussi talli pparteċipaw fi protesti u ppubblikkaw kummenti kontra l-gvern fuq Telegram. Hija kkundannat ukoll lill-ġurnalista Ekaterina Borisevich u lit-tabib tal-isptar ta' emerġenza Artyom Sorokin talli żvelaw sigreti mediċi dwar Roman Bondarenko, li ġie msawwat għall-mewt mill-forzi tas-sigurtà.  Għalhekk hija responsabbi għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dghajien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.  Hija nħatret minn Lukashenka bħala mħallef tal-Qorti Suprema tal-Belarussja.	3.8.2023"

(2) fit-Tabella "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 4(1)", l-entrati 17 u 28 huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"17.	Open Joint Stock Company "Belavia Belarusian Airlines"	AAT "Авіякампанія Белавія" ОАО "Авиакомпания Белавиа"	Indirizz: 14A Nemiga St., 220004 Minsk, Belarus  Data tar-reġistrazzjoni: 4.1.1996  Numru ta' reġistrazzjoni: 600390798	OJSC Belavia Belarusian Airlines huwa t-trasportatur tal-linja tal-ajru nazzjonali tal-istat. Belavia hija s-sid u topera wkoll ajruplani governattivi Belarussi użati mill-President Aliaksandr Lukashenka. Aliaksandr Lukashenka wiegħed li l-amministrazzjoni tiegħu ser tagħti kull appoġġ possibbli lil Belavia wara li l-Unjoni ddeċidiet li ddaħħal projbizzjoni fuq it-titjir li jgħaddi minn fuq l-ispażju tal-ajru tal-Unjoni u fuq l-aċċess għall-ajrupo tal-Unjoni mit-trasportaturi tal-ajru Belarussi kollha. Għal dak il-għan, huwa qabel mal-President Russu Vladimir Putin dwar l-ippjanar tal-ftuħ ta' rotot ġodda tal-linji tal-ajru għal Belavia. Fl-2021, is-CEO ta' Belavia kkonferma li rċieva l-appoġġ tal-gvern biex jerġgħu jibdew titjuriet lejn il-Federazzjoni Russa. Il-linjal tal-ajru nazzjonali ġiet eżentata wkoll milli tħallas it-taxxa fuq il-valur miżjud mill-gvern Belarussu fir-rigward tal-ingħeni tal-ajru u l-komponenti importati fit-territorju tar-Repubblika tal-Belarussja. Barra minn hekk, fl-2014, Belavia rċeviet self għall-akkwist ta' ingħeni tal-ajru ġodda minn bank tal-Istat.  Il-maniġment ta' Belavia qal ukoll lill-impiegati tiegħu biex ma jipprotestawx kontra l-irregolaritajiet tal-elezzjoni u d-detenzjonijiet tal-massa fil-Belarussja, għall-fatt li Belavia hija intrapriża tal-Istat.  Għaldaqstant, Belavia qed tibbenfika mir-reġim ta' Lukashenka u tappoġġah.	2.12.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
28.	Open Joint Stock Company "Belaruskali"	Адкрытае акцыянернае таварыства "Беларуськалий" Открытое акционерное общество "Беларуськалий"	Indirizz: 5 Korzha St., Soligorsk, 223710 Minsk Region/Oblast, Belarus  Data tar-reġistrazzjoni: 23.12.1996  Numru ta' reġistrazzjoni: 600122610	OJSC Belaruskali hija intrapriża tal-Istat u waħda mill-akbar produkturi tal-potassa fid-dinja. Minkejja t-tnaqqis tas-sehem globali tagħha fis-suq globali tal-potassa minn 20 % għal 9 % fl-2022, Belaruskali tibqa' waħda mill-aktar esportaturi sinifikanti tal-potassa u sors sostanzjali ta' dħul għall-baġit tal-Istat tal-Belarussja. Alexander Lukashenka ddeskriva lil Belaruskali bħala "teżor nazzjonali, turja ta' kburija, wieħed mill-pilastri tal-esportazzjonijiet Belarussi". Hija wkoll sors ta' dħul ewljeni ta' munita barranija għar-régim ta' Lukashenka.  Belaruskali hija involuta direttament fir-rilokazzjoni min-naħħa tar-régim ta' Lukashenka ta' ifal Ukreni minn territorji okkupati fkollaborazzjoni mar-Russia. Mill-invażjoni illegali u mhux provokata tal-Ukrajna mir-Russia, il-faċilità ta' Dubrava, li hija proprietà ta' OJSC Belaruskali, żammet aktar minn 2 050 tifel u tifla Ukreni. Għaldaqstant, OJSC "Belaruskali" tappoġġa r-régim ta' Lukashenka.  L-impiegati ta' OJSC "Belaruskali" li ħadu sehem fi strajks u protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet presidenzjali froudenti ta' Awwissu 2020 fil-Belarussja ġew intimidati u mkeċċija mill-manġġiment tal-kumpanija. Alexander Lukashenka nnifsu hedded personalment li jissostitwixxi lil dawk li strjkaw b'minaturi mill-Ukrajna. Għaldaqstant "Belaruskali" hija responsabbi għar-repressjoni tas-soċjetà cívili fil-Belarussja u tappoġġa lir-régim ta' Lukashenka.	3.6.2022"